275 sena fostna

1736 - 2011

# L-Istatwa ta' San Nikola u aktar...

Dun Nikol Aquilina, D.Litt

Din is-sena hi okkażjoni speċjali għalina s-Siġġiwin meta niftakru li l-istatwa tal-qaddis tagħna tagħlaq mitejn u ħamsa u sebgħin sena fostna. Imma ma rridux ninsew li fil-parroċċa tagħna nsibu tliet statwi prominenti tal-qaddis:

a) L-istatwa l-qadima li llum tinsab fis-sagristija tal-Knisja Parrokkjali. Din kienet l-ewwel statwa proċessjonali tal-parroċċa u li kienet tintuża fil-festa fil-knisja l-qadima. Fil-vista pastorali tal-Isqof Luqa Buenos fl-1667 insibu deskrizzjoni ta' din l-istatwa: "vara bix-xbieha ta' San Nikola bis-suttana tiegħu, pavanozza", stola, amittu, ċinglu u bil-mitra tal-lama bajda mdawra b'gallun tad-deheb b'bizzilla tad-deheb fil-pendenti tagħha u b'ċurkett"[1]

   Ta' min iżid jgħid li din il-vara hija kkunsidrata bħala "l-aktar statwa proċessjonali bikrija li għadha teżisti fil-knejjes parrokkjali tagħna."[2] Illum tgħodd mat-tliet mija u ħamsa u erbgħin sena.



L-istatwa l-qadima ta' San Nikola li għadha meqjuma sal-lum fis-sagristija tal-knisja parrokkjali

b) Fiċ-ċentru tal-misraħ tar-raħal insibu statwa oħra ta' San Nikola. Ħarġet minn idejn l-iskultur Qormi Pietru Felici. Minħabba l-kobor u l-lokalità li nsibuha fiha din l-istatwa tal-ġebel saret tista' tgħid waħda mil-*landmarks* ta' raħalna. Ilha ssebbaħ, tħares u twennes il-misraħ sa mill-24 ta' Diċembru 1732. Kellhom jintużaw żewġ antarjoli kbar tax-xwieni biex tittella' fuq il-pedestall tal-ġebel ukoll. Għaliha l-iskultur Felici tħallas is-somma ta' mitt skud.

c) Wara dan ix-xogħol Felici ġie kkummissjonat mill-Kappillan Dun Salv Tabone (1723-1743), mill-kleru u mill-poplu tas-Siġġiewi biex jaħdem statwa oħra tal-qaddis; din id-darba fl-injam. Tlestiet fis-sena 1736 u għaliha Felici ingħata s-somma ta' 95 skud. Daqshekk



Dettall mill-istatwa tal-pjazza, xogħol fil-ġebel ta' Pietru Felici

ilhom l-antenati tagħna jitgħaxxqu bil-ħarsa ħelwa ta' San Nikola. U aħna lkoll illum ningħaqdu magħhom u nitpaxxew bil-ġenju ta' Pietru Felici li tana dan it-teżor artistiku maħdum fl-injam.

Ta' min jinnota li fiż-żewġ statwi Felici jrid jgħaddilna messaġġ spiritwali billi jfakkarna fir-rwol tal-qaddis bħala ragħaj u missier. Dan jidher ċar mill-bixra li jagħti lil Nikola fiż-żewġ figuri:

- Nikola hu liebes ta' isqof. L-ilbies episkopali tiegħu huwa skont ir-rit Latin u mhux paramenti Griegi kif wieħed kien jissoponi. Għandu l-baklu f'idejh biex jurina d-dover tal-isqof li jmexxi u jgħallem kif ukoll il-mitra bħala sinjal ta' qdusija kemm għalih innifsu kif ukoll għall-qdusija li l-isqof għandu jiżra' u jkattar fil-poplu afdat f'idejh. L-iskultur mexa fuq stil barokk li kien fl-aqwa tiegħu hawn Malta meta saru dawn l-istatwi.
- Nikola qed ibierek b'idu l-leminija filwaqt li tidher il-ħlewwa, it-tjieba u s-serjetà f'ħarstu bħala missier.
- Nikola qed jgħożż il-ktieb tal-Vanġelu f'idu x-xellugija u fuq il-ktieb naraw it-tliet boroż ta' flus li bihom għen lit-tliet xebbiet ħalli jieħdu onestament l-istat tagħhom.

Hawnhekk tajjeb li ngħidu dak il-ftit li nafu dwar l-iskultur innifsu Pietru Felici. Hu dokumentat li Pietru Felici twieled Ħal Qormi minn Wistin u Grazzja mwielda Mallia. Minn dan iż-żwieġ twieldu ħamest itfal. Il-familja Felici tilfet lill-omm fl-1675; missier Pietru reġa' żżewweġ lil Alontia Galea mill-Mosta. Aktar 'il quddiem il-familja Felici marret toqgħod fil-Belt Vittoriosa. Hawnhekk wieħed jissoponi li ż-żagħżugħ Pietru beda t-taħriġ tiegħu fl-arti billi dak iż-żmien il-Kottonera kienet tista' tgħid *bottega* sħiħa ta' artiġjanat speċjalment fl-injam. Infatti nafu li f'dak iż-żmien kienu



L-istatwa maestuża ta' San Nikola, kapolavur fl-injam ta' Pietru Felici

jgħixu Anton Zahra li kien wieħed mill-aħjar skulturi fil-ġebla Maltija u Pietru Pawl Zahra *scalpellino* ukoll (preċiżment missier il-pittur Francesco Zahra).

Għalkemm ma nafu xejn dwar martu, lanqas isimha, jidher ċar mit-testment tiegħu li għamel lejlet jum mewtu fl-1743 li Pietru kellu tlett itfal: Wistin li kien mentalment inkapaċitat, Ġużeppi, li kien tajjar difru mal-ġustizzja, u Anna Marija li baqgħet xebba. Minn dan it-testment jidher ċar ukoll li l-iskultur kien fqir għall-aħħar u ma ħalla xejn warajh ħlief l-għodda tiegħu u xi skulturi fil-bottega li kellu. Wara li jitnaqqsu l-ispejjeż u ħlasijiet ta' xi djun, dak li jibqa' kellu jinqasam bejn it-tliet uliedu. Madankollu billi Pietru kien jaf li t-tliet uliedu ma kellhomx il-ħila li jamministraw ħwejjiġhom, ħalla lil Dun Gammaria Vella u Dun Diegu Farrugia bħala esekuturi tat-testment tiegħu.



Dik li hi maħsuba li hi l-firma ta' Pietru Felici.
Bil-kortesija tal-Kurja Arċiveskovili.

It-testment jindika wkoll li Pietru Felici kien joqgħod il-Belt Valletta. Nafu wkoll li kien għamlu fis-Sacra Infermeria tal-Belt. Kellu tlieta u sebgħin sena.

Il-pedestall tal-istatwa nħadem minn Giuseppe Fabri u għalih tħallas is-somma ta' 15-il skud. Kien hemm ukoll xi benefatturi fosthom is-Sur Pasquale Dingli li ħareġ is-somma ta' 25 skud għall-ispejjeż.

Naturalment maż-żmien l-istatwa tal-qaddis kien jeħtiġilha manutenzjoni xierqa. U fil-fatt hekk sar. Nafu li kienet ġiet indurata fil-Belt Valletta, fl-1959 fi żmien il-Kappillan Dun Pawl Attard għand l-induratur Coleiro fi Strada San Cristoforo. Niftakar kont żagħżugħ u konna ngbarna għadd ta' karozzi u muturi (jiena rkibt wara wieħed ħabib tiegħi Abraham Azzopardi, illum mejjet) u morna nġibuha mill-Belt. Waqafna fit-tarf tar-raħal u wassalniha proċessjonalment sal-knisja. Kienet inġarret fuq trakk ta' Ġużeppi Camilleri.

Aktar riċenti jiġifieri fl-1998 l-istatwa ġiet indurata mill-ġdid; din id-darba fl-Imdina, għand is-Sur Horace Farrugia fi żmien l-Arċipriet Dun Richard Borg.

Il-Bradella tal-kewkba nħadmet mill-ebanista Nikola Buhagiar mis-Siġġiewi. Kienet ikkummisjonata mill-Arċipriet Dun Joe Carabott u tlestiet fi żmien l-Arċipriet Dun Lawrenz Mifsud fl-1986. Il-bradella hi maħduma minn injam tal-kawba mastizz u fiha tmien statwi ta' qaddisin li kollha kellhom x'jaqsmu mal-misteru tas-Santissima Trinità. Dawn huma Santu Wistin, il-Papa San Silvestru, Sant' Atanasju u San Ċirillu ta' Lixandra, San Girgor Nazjanzenu u San Bażilju, San Ilarju u San Ġwann Kriżostmu. Niftakar jiena kont issuġġerejt l-ismijiet ta' dawn il-qaddisin lill-Arċipriet Dun Joe Carabott liema ismijiet ta' qaddisin kont rajthom fil-knisja barokka tal-Ġizwiti ddedikata lil San Nikola fil-Belt ta' Praga. Il-bradella fiha wkoll erba' panewijiet li jesprimu erba' ħsibijiet marbutin mal-ħajja ta' San Nikola jiġifieri: Il-Knisja li tgħallem; il-Knisja li tħobb; il-Knisja li tqaddes; il-Knisja li tgħaqqad. Ix-xogħol fil-bronż kemm ta' l-istatwi kif ukoll tal-panewijiet kien afdat f'idejn il-magħruf artist Vincent Apap. B'kollox kienet qamet madwar Lm16,000 (€37,300).

Il-ħabrieki Arċipriet Dun Lawrenz Mifsud ħaseb ukoll biex iqiegħed din l-istatwa ta' San Nikola f'niċċa li tixirqilha. L-imsemmija niċċa ġiet inawgurata nhar il-festa tar-Rużarju, il-Ħadd 6 ta' Ottubru 1991. Hi maħduma minn ġewż Afrikan u qamet madwar Lm12,000 (€28,000); saret fuq disinn ta' Ġużeppi Galea mir-Rabat filwaqt li l-iskultura nħadmet minn John Suda u l-lostru minn Mario Ellul (Għaxaq).

Il-ħġieġ enormi tal-bieba tal-faċċata u tal-ġnub sar mid-Ditta Guillaumier u ċ-ċappetti kbar tal-bieba tan-niċċa nħadmu fil-Malta Drydocks. Ma rridux ninsew li x-xogħol fl-injam inħadem kollu minn Ġużeppi Galea mis-Siġġiewi.

Trid tkun fil-knisja tagħna meta toħroġ min-niċċa din l-istatwa, tmint ijiem qabel il-festa, biex tkun taf kemm is-Siġġiwin għandhom għal qalbhom din l-istatwa. X'ferħ! X'ċapċip! X'bews! Kemm xemgħat u bukketti ta' fjuri sbieħ! Kien hemm żmien meta l-istatwa mqiegħda f'nofs il-knisja kienet tkun imdawra bi ġmiel ta' ortensji b'dawk il-bukketti vjola u roża li jgħaxxquk. Illum isiru għotjiet ta' flus biex jingħataw karità. B'hekk inkunu qed nimitaw lil San Nikola fil-ġenerożità tiegħu.

## It-Tagħlim tal-Konċilju Vatikan II

Il-Konċilju Vatikan II ma naqasx li jitkellem dwar it-tifsira tal-festi Insara kif ukoll dwar il-qima li għandha tingħata lill-qaddisin. Filwaqt li jfaħħar u jinkoraġġixxi l-arti sagra, l-Konċilju jgħallimna li l-iskop ta'dawn l-opri hu li jerfgħu il-ħsibijiet tal-bniedem lejn Alla u mhux jibqgħu kkonċentrati fuq l-istatwa jew il-pittura, sabiħa kemm tkun sabiħa. Jgħidilna l-Konċilju Vatikan II:

"Skont it-tradizzjoni, il-Qaddisin huma meqjuma fil-Knisja u l-fdalijiet awtentiċi u x-xbihat tagħhom tingħatalhom ukoll qima. Il-festi tal-qaddisin ixandru l-għeġubijiet ta' Kristu fil-qaddejja tiegħu u jagħtu eżempji f'waqthom biex il-fidili jimxu fuqhom".[3]

"Fost l-attivitajiet l-aktar nobbli tal-ġenju tal-bniedem huma, u bil-jedd kollu, l-arti liberali, iżda l-aktar l-arti reliġjuża u dik li hi l-quċċata tagħha, jiġifieri l-arti sagra. Dawn min-natura tagħhom jersqu lejn is-sbuħija bla tarf ta' Alla li b'xi mod trid titfisser fl-għemejjel tal-bniedem. Huma jsiru mezzi aħjar biex ikabbru t-tifħir u s-sebħ ta' Alla daqskemm ma jkollhomx skop ieħor għajr dak li jgħinu, bl-opri artistiċi tagħhom, biex bi tjieba u bi qdusija jerfgħu l-ħsibijiet tal-bniedem lejn Alla".[4]

**Noti**

[1] cf. Siġġiewi Diċ.1977 p.17
[2] cf. idem p. 18
[3] Kostit. Dwar il-Liturġija par. 199
[4] Idem par 223

Inħeġġu lil kull min hu nkarigat
mill-armar tat-triq tiegħu
biex jara li l-armar kollu jinħareġ
biex iżejjen l-inħawi matul il-jiem tal-festa
ad unur il-Patrun tagħna

# San Nikola



festa 2011